MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 186/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Mario Alfred McKay**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskritturi privati datata 18 ta' Novembru 2009 (Dok. "A") fejn is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Mario Alfred McKay;

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici ta' Mario Alfred McKay fis-somma ta' tnax-il elf, hames mija u sbatax-il Ewro u centezmu (€12,517.01), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Encroachment Accounts*" ta' Mario Alfred McKay mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B" u Dok. "C1 sa C2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Frar 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esibita bhala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario Alfred McKay:

(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura,

(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata, u/jew,

(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Mario Alfred McKay li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Mario Alfred McKay gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Frar 2013, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. "D", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata msemmija (u hawn esibita bhala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario Alfred McKay (a) naqas milli ihallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Mario Alfred McKay li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Mario Alfred McKay ihallas lis-socjetà attrici is-somma ta' tnax-il elf, hames mija u sbatax-il Ewro u centezmu (€12,517.01), bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Encroachment Accounts*" ta' Mario Alfred McKay mal-Bank of Vallettta p.l.c. (Dok. "B" u Dok. "C1 sa C2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Frar 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ ittra ufficjali datata 6 ta’ Frar 2013 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, Mario Alfred McKay baqa’ ma ressaq ebda twegiba ghall-kawza u lanqas ma deher fil-Qorti ghas-smiegh tal-kawza.

Semghet lix-xhud Dorianne Tanti viva voce.

Rat li, ghalkemm moghti l-fakultà li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub, dan ma ghamel xejn.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tenfasizza illi dawn il-Qrati konsistentement iqisu l-kontumacja bhala kontestazzjoni u ghalhekk jibqa’ dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti dak li jallega.

Fil-kawza odjerna il-bank rikorrenti ipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi t-talbiet tieghu huma gustifikati, dan permezz tad-dokumenti esibiti u x-xhieda prodotta.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta p.l.c. kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Mario Alfred McKay.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------